III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-7 ta' Ġunju 2017**

**dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità, kif ukoll miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tar-ristrutturar, tal-insolvenza u tal-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE**

**(CON/2017/22)**

(2017/C 236/02)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-22 ta' Novembru 2016 il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità, kif ukoll miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tar-ristrutturar, tal-insolvenza u tal-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE [1] (iktar 'il quddiem id-"direttiva proposta"). Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jikkunsidra li d-direttiva proposta taqa' fl-ambitu ta' kompetenza tiegħu, iżda ma ġiex ikkonsultat dwar id-direttiva proposta. Għaldaqstant, huwa qed jeżerċita d-dritt tiegħu kif ipprovdut fit-tieni sentenza fl-Artikolu 127(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex jissottometti opinjoni lill-istituzzjonijiet xierqa tal-Unjoni Ewropea dwar materji fl-oqsma ta' kompetenza tiegħu.

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq it-tieni sentenza tal-Artikoli 127(4) tat-Trattat billi d-direttiva proposta fiha dispożizzjonijiet li jaffettwaw l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, inkluż il-kompitu tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija bla xkiel ta' politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja bis-saħħa tal-Artikolu 127(5) tat-Trattat u l-kompiti mogħtija lill-BĊE bis-saħħa tal-Artikolu 127(6) tat-Trattat dwar politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Barra minn hekk, id-direttiva proposta taffettwa l-obbligu tas-SEBĊ skont l-Artikolu 127(1) tat-Trattat li jiġu appoġġati l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-għan primarju tas-SEBĊ li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. F'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### 1. Osservazzjonijiet ġenerali

1.1. Il-BĊE jilqa' l-għan ġenerali tad-direttiva proposta li jitnaqqsu l-iktar ostakoli sinifikanti għall-fluss transkonfinali ta' kapital li jirriżulta minn differenzi fl-oqsfa tar-ristrutturar tan-negozju u dak korporattiv tal-Istati Membri. Id-direttiva proposta tikkostitwixxi pass importanti għall-bini ta' standard komuni minimu legalment vinkolanti fi ħdan l-Unjoni, partikolarment fir-rigward ta' proċeduri ta' prelikwidazzjoni għar-ristrutturar korporattiv u ta' negozji.

1.2. Għalkemm il-proposta tintroduċi għadd ta' miżuri ta' armonizzazzjoni minimi rilevanti ħafna għall-oqfsa ta' ristrutturar eżistenti ma tadottax approċċ olistiku fil-konfront tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-insolvenza fl-Unjoni, inklużi kemm ir-ristrutturar kif ukoll il-likwidazzjoni, u lanqas ma tipprova tarmonizza aspetti ewlenin tad-dritt tal-insolvenza bħalma huma: (a) il-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċeduri ta' falliment; (b) id-definizzjoni komuni ta' insolvenza; (c) il-klassifikazzjoni ta' talbiet ta' insolvenza; u (d) l-azzjonijiet revokatorji. Filwaqt li l-BĊE jirrikonoxxi għal kollox l-isfidi legali u prattiċi konsiderevoli li jinvolvi l-iżvilupp ta' approċċ olistiku, minħabba t-tibdil sinifikanti fid-dritt kummerċjali, ċivili u tal-kumpanniji li jrid ikun hemm biex jakkumpanja impenn bħal dan, hemm bżonn li jkun hemm azzjoni iktar ambizzjuża biex titwitta triq komuni għal armonizzazzjoni iktar sostantiva tal-liġijiet tal-insolvenza tal-Istati Membri, biex b'hekk tkun żgurata armonizzazzjoni iktar komprensiva f'terminu twil ta' żmien [2] u għall-kontribuzzjoni ta' Unjoni ta' Swieq Kapitali li tiffunzjona sewwa.

[1] COM (2016) 723 finali.

[2] Ara Diego Valiante, Harmonising Insolvency Laws in the Euro Area: rationale, stocktaking and challenges, Centre for European Policy Studies Special Report Nru 153, Diċembru 2016.

1.3. Komuni għall-parti l-kbira ta' sistemi legali huma żewġ għanijiet ewlenin tal-proċeduri tal-insolvenza, inkluża r-riorganizzazzjoni korporattiva u tan-negozju: (a) l-allokazzjoni ta' riskju fost il-parteċipanti f'ekonomija tas-suq b'mod prevedibbli, ekwu u trasparenti, li jinkludi l-ibbilanċjar korrett tar-relazzjoni kreditur-debitur; u (b) il-protezzjoni u l-immassimizzar tal-valur għall-benefiċċju tal-partijiet kollha interessati u tal-ekonomija inġenerali ([3]). Nuqqas fl-ibbilanċjar adegwat tad-drittijiet tad-debituri u l-kredituri fi proċeduri tal-insolvenza jista' jwassal għal konsegwenzi negattivi u mhux intenzjonati. Qafas tal-insolvenza mfassal sew għandu jkollu inċentivi għall-parteċipanti kollha u jqis debitament il-kunsiderazzjonijiet makrofinanzjarji. Barra minn hekk, meta jkun hemm proċeduri ta' insolvenza prevedibbli dan irawwem tranżazzjonijiet tas-swieq kapitali transfruntieri, filwaqt li proċeduri imprevedibbli għal proċeduri ta' insolvenza, b'mod partikolari f'kuntest transfruntieri, jikkostitwixxu ostakolu sinifikanti għal iktar integrazzjoni tas-suq kapitali. Bl-istess mod, u fil-kuntest tal-livelli għolja ta' self improduttiv li bħalissa qed itaqqlu l-karti tal-bilanċ tal-banek Ewropej, il-prevedibbiltà u t-trasparenza f'dawn il-proċessi jistgħu jikkontribwixxu biex irawmu swieq ta' dejn f'diffikultà fi ħdan l-Unjoni, li, fil-present, huma iktar iffokati domestikament. Bħala minimu, l-għanijiet ewlenin tal-proċeduri ta' insolvenza ġewwa l-Istati Membri għandhom jiġu armonizzati iktar, inkluż bilanċ miftiehem b'mod komuni bejn id-drittijiet tal-kredituri u d-debituri.

1.4. In-negozji jiddependu ħafna fuq ftehimiet kuntrattwali li jikkodifikaw il-kunċett ta' fiduċja, inaqqsu l-ispejjeż u l-inċertezza, u fl-istess ħin, jappoġġaw proġetti ta' investiment ġodda u opportunitajiet tan-negozju. Sabiex jiġi mmassimizzat il-valur għall-ekonomija ġenerali, għandu jiddaħħal qafas ta' ristrutturar effiċjenti għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji u negozji f'ambjent ekonomiku u legali li jgħin negozji vijabbli biex jirristrutturaw l-operazzjonijiet tagħhom. Filwaqt li negozju mhux vijabbli għandu jiġi llikwidat malajr biex jiġi mmassimizzat il-valur ta' rkupru u titnaqqas l-inċertezza għall-kredituri u parteċipanti oħra, impriżi vijabbli, li l-assi rijabilitati tagħhom jista' jkollhom valur ikbar milli f'xenarju ta' likwidazzjoni, jistgħu potenzjalment jerġgħu lura biex jipproduċu qligħ għall-azzjonisti u ħlasijiet lura lill-kredituri waqt li l-impjiegi jiġu żgurati. F'sitwazzjoni bħal dik, is-salvataġġ ta' negozju għandu jintlaħaq permezz ta' proċeduri kemm informali kif ukoll formali. Il-prospett ta' proċeduri formali huwa rrikonoxxut li għandu implikazzjonijiet ċari għall-ispejjeż u l-inċentivi biex jintlaħaq ftehim ta' ristrutturar. Dan jimplika wkoll li soluzzjoni iktar effiċjenti għar-ristrutturar ta' negozju avvjat tista' ttejjeb il-valur ta' kontinwazzjoni tad-debitur u tipprovdi bilanċ xieraq fil-konfront tal-kredituri, speċjalment dawk mhux iggarantiti. Id-dritt għall-bidu ta' ristrutturar preventiv, għad-definizzjoni ta' pjan ta' ristrutturar, l-opportunità għal kredituri li jiddeċiedu fuq il-pjan b'vot ta' maġġoranza u l-possibbiltà li jinħatar prattikant tar-ristrutturar huma kollha elementi li jistgħu jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-valur tan-negozju. Approċċ bħal dan jista' jappoġġa u jippromwovi wkoll l-istabbiltà finanzjarja billi jinħolqu l-inċentivi ġusti għad-debituri u l-kredituri. Debituri fl-inkwiet huma mħeġġa li jittrattaw minn kmieni u bis-sens mal-kredituri, iktar milli joqgħodu fuq il-possibbiltà ta' trażżin, u impriżi vijabbli jistgħu jkunu distinti minn dawk li ma humiex vijabbli u jibbenefikaw ukoll minn ristrutturar sostenibbli. Bl-istess mod, minkejja l-limiti li waqfa tal-azzjonijiet ta' infurzar ipoġġu fuq l-eżerċizzju immedjat tad-drittijiet tal-kredituri, il-kredituri jistgħu madankollu jibbenefikaw minn spejjeż imnaqqsa tal-ħdim tad-dejn, aċċess iktar faċli u minn qabel għall-kollateral, u għalhekk valuri tal-kollateral ogħla, l-approfondament tas-swieq għal dejn f'diffikultà u l-effett ta' sinjal li tali qafas jista' jkollu fuq id-dixxiplina tad-debitur.

1.5. Flimkien ma' riformi leġiżlattivi, kodiċi tal-aħjar prattika jew prinċipji jista' jiġi kkunsidrat bħala għodda għall-orjentament ta' liġijiet dwar l-insolvenza nazzjonali lejn approċċ iktar armonizzat fuq perijodu ta' żmien twil. Barra minn hekk, l-adozzjoni mill-Istati Membri kollha ta' standards internazzjonali rikonoxxuti, bħal-Liġi Mudell dwar l-Insolvenza Transfrontaliera ([4]) tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Dritt tal-Kummerċ Internazzjonali (UNCITRAL), tista' twassal ukoll għal grad ikbar ta' armonizzazzjoni.

1.6. Barra minn hekk, id-drittijiet nazzjonali huma sostanzjalment differenti dwar id-definizzjoni ta' attivazzjonijiet għall-ftuħ ta' proċeduri ta' riorganizzazzjoni ([5]). Din il-proposta toffri opportunità unika biex jiddaħħal fis-seħħ reġim panEwropew, li jibni fuq kunċetti sottostanti komuni u elementi ewlenin armonizzati.

1.7. Fl-aħħar nett, għalkemm id-direttiva proposta ma tapplikax għal proċeduri relatati ma' debituri li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment u impriżi ta' investiment kollettiv, kontropartijiet ċentrali u depożitarji ta' titoli ċentrali impriżi tal-assigurazzjoni u impriżi ta' riassigurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra u entitajiet elenkati

([3]) Ara Fond Internazzjonali Monetarju (IMF), Orderly & Effective Insolvency Procedures: Key Issues, 1999, disponibbli fil-websajt tal-IMF f'www.imf.org.

([4]) Disponibbli fis-sit tal-UNCITRAL f'www.uncitral.org.

([5]) Ara Diego Valiante, Harmonising Insolvency Laws in the Euro Area, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, pp. 11-12; u Gerard McCormack *et al.*, Study on a new approach to business failure and insolvency, Comparative legal analysis of the Member States' relevant provisions and practices, Tender No JUST/2014/JCOO/PR/CIVI/0075, Jannar 2016, Kapitolu 5.2.

fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6], jistgħu jinqalgħu konsegwenzi mhux intenzjonati għal dawn l-istituzzjonijiet minħabba l-impatt fuq kuntratti finanzjarji mal-kontropartijiet kummerċjali tagħhom (ara, pereżempju, il-paragrafu 2.4 dwar l-infurzar ta' arranġamenti ta' netting ta' għeluq). Barra minn hekk, il-konsegwenzi u l-ambitu tal-waqfa, bħal pereżempju jekk il-waqfa ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali tapplikax ukoll għal assi tad-debitur mirhuna bħala kollateral għal talbiet tal-kreditur, għandhom jiġu vvalutati b'attenzjoni wkoll mill-perspettiva tal-impatt possibbli tagħha fuq rekwiżiti kapitali regolatorji, u partikolarment mill-perspettiva ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [7]. F'dan il-kuntest, kunsiderazzjoni iktar sfumata tar-relazzjoni legali bejn id-direttiva proposta u d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma finanzjarji hija meħtieġa, inklużi r-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill [8], id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill [9], id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [10] u d-Direttiva 2014/59/UE. Għal dan il-fini, għandha tingħata attenzjoni speċjali għal konsegwenzi potenzjalment mhux intenzjonati.

## 2. Osservazzjonijiet speċifiċi

### 2.1. *Definizjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea ta' proċeduri ta' insolvenza*

Id-direttiva proposta żżid mal-frammentazzjoni eżistenti dwar id-definizzjoni tal-proċeduri rilevanti fi ħdan l-atti legali tal-Unjoni [11], u titlaq mill-approċċ tar-Regolament (UE) 2015/848, fejn il-proċeduri ta' insolvenza koperti kollha huma elenkati fl-annessi. Id-direttiva proposta għandha tintuża bħala vettura għal armonizzazzjoni ulterjuri ta' din id-definizzjoni, pjuttost milli tagħti lok għal frammentazzjoni kunċettwali ulterjuri.

### 2.2. *Probabbiltà ta' insolvenza*

Id-direttiva proposta teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li debituri f'diffikultajiet finanzjarji jkollhom aċċess għal qafas ta' ristrutturar preventiv effettiv li jippermettilhom jirristrutturaw id-djun jew in-negozju tagħhom u jirrestawraw il-vijabbiltà tagħhom fejn hemm "probabbiltà ta' insolvenza". Dan il-kunċett għandu jiġi elaborat iktar fid-direttiva proposta billi huwa kruċjali għall-qafas ta' ristrutturar u m'għandux jitħalla fid-diskrezzjoni kompleta tal-Istati Membri. B'mod partikolari, għandha tingħata gwida ulterjuri lil leġiżlaturi nazzjonali dwar l-ambitu u l-kontenut tal-kunċett ta' "probabbiltà ta' insolvenza". Bħala alternattiva li tiġi inkluża tali gwida fid-direttiva proposta, tista' tiġi pprovduta permezz ta' standards tekniċi regolatorji li jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' poteri leġiżlattivi delegati.

### 2.3. *Il-bżonn għal ġerarkija ċara bejn id-direttiva proposta u atti legali tal-Unjoni oħrajn li jaffettwaw l-istabbilità tas-swieq finanzjarji u għall-valutazzjoni tal-effetti tagħha fuq atti legali ulterjuri tal-Unjoni*

L-Artikolu 31 tad-Direttiva proposta jipprovdi li d-direttiva proposta hija mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 98/26/KE u 2002/47/KE u r-Regolament (UE) Nru 648/2012. Barra minn dan, il-premessa 43 tgħid li l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji tiddependi b'mod qawwi fuq arranġamenti kollaterali finanzjarji, b'mod partikolari, meta l-kollateral ta' sigurtà jiġi pprovdut b'rabta mal-parteċipazzjoni f'sistemi indikati jew f'operazzjonijiet ta' bank ċentrali u meta l-marġni huma pprovduti lil kontropartijiet ċentrali. Il-premessa 43 tinnota wkoll li billi l-valur tal-istrumenti finanzjarji mogħtija bħala garanzija jista' jkun volatili ħafna, huwa kruċjali li jiġi rrealizzat il-valur tagħhom malajr qabel ma jinżel.

Fl-interess li jiġi pprovdut grad għoli ta' ċertezza legali u gwida ċara lill-Istati Membri, ikun preferibbli li tiġi stabbilita ġerarkija ċara bejn id-direttiva proposta u l-atti legali tal-Unjoni Ewropea speċifikati, billi jiġi pprovdut espressament fl-Artikolu 31 li d-dispożizzjonijiet ta' dawn l-atti legali jipprevalu fuq id-direttiva proposta.

---

(6) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190) u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE and 2013/36/UE, u Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

(7) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(8) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

(9) Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità tal-ħlas f'sistemi ta' saldu ta' pagamenti u s-sistemi ta' ħlas ta' titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

(10) Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 3, p. 89).

(11) Ara, eż, id-definizzjonijiet ta' "miżuri ta' riorganizzazzjoni", "proċeduri ta' stralċ" u "proċeduri ta' insolvenza" fir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċeduri ta' insolvenza (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19); Direttiva 2002/47/KE; u d-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 6, Vol. 4 p. 15) rispettivament.

Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat sa fejn l-entitajiet regolati mid-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) u d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]), jiġifieri istituzzjonijiet ta' ħlas u istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, jistgħu jutilizzaw il-qafas ta' ristrutturar preventiv tad-direttiva proposta. Dawn l-entitajiet huma meħtieġa biex jissalvagwardjaw il-fondi riċevuti minn detenturi ta' flus elettroniċi jew minn utenti ta' servizz ta' pagament, rispettivament, billi jżommu dawn il-fondi separati mill-fondi tal-istituzzjoni rilevanti użati għal attivitajiet kummerċjali oħra ([14]). Din is-separazzjoni tal-fondi hija partikolarment rilevanti fil-każ ta' proċeduri ta' insolvenza relatati ma' tali istituzzjonijiet. La l-istituzzjonijiet tal-ħlas u lanqas l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi ma huma espressament eżentati mill-ambitu tad-direttiva proposta. Konsegwentement, l-effett potenzjali tal-waqfa tal-azzjonijiet ta' infurzar fuq istituzzjonijiet ta' ħlas u istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi suġġetti għad-direttiva proposta għandu jiġi evalwat u ċċarat, potenzjalment billi tiġi inkluża premessa addizzjonali jew titwessa' l-lista ta' atti legali tal-Unjoni eżentati fl-Artikolu 31 tad-direttiva proposta.

2.4. *Infurzabbiltà ta' arranġamenti ta' netting ta' għeluq*

Għandu jiġi kkjarifikat sa fejn id-direttiva proposta, inkluża l-waqfa ta' azzjonijiet ta' infurzar, topera mingħajr preġudizzju għall-infurzabbiltà ta' arranġamenti ta' netting ta' għeluq bejn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, minn naħa, u debituri korporattivi, min-naħa l-oħra. Huwa mifhum li l-proċeduri ta' ristrutturar preventiv, fit-tifsira tad-direttiva proposta, jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni li tipprovdi d-Direttiva 2002/47/KE li teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dispożizzjoni ta' netting ta' għeluq f'arranġament ta' kollateral finanzjarju tista' topera skont it-termini tagħha, minkejja l-bidu jew il-kontinwazzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni ([15]). Ħafna liġijiet nazzjonali fihom rikonoxximent usa' tal-infurzabbiltà ta' dispożizzjonijiet ta' netting ta' għeluq lil hinn mill-kuntest ta' arranġamenti tal-kollateral finanzjarju, minkejja l-ftuħ ta' proċeduri ta' riorganizzazzjoni. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-ambitu tad-Direttiva 2002/47/KE l-arranġamenti tal-kollateral finanzjarju meta waħda mill-partijiet hija debitur korporattiv ordinarju ([16]). Dan jagħmel problematiku l-infurzar ta' arranġamenti ta' netting ta' għeluq ma' dawn id-debituri korporattivi bħala kontropartijiet ([17]). Jista' jkollha wkoll implikazzjonijiet prattiċi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji fir-rigward tal-abbiltà tagħhom li josservaw il-kundizzjonijiet biex arranġamenti ta' netting kuntrattwali jiġu rrikonoxxuti bħala forma eliġibbli ta' mitigazzjoni ta' riskju ta' kreditu u tnaqqis ta' riskju skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ([18]). L-introduzzjoni ta' qafas ta' ristrutturar preventiv fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li din il-kwistjoni tingħata kunsiderazzjoni b'attenzjoni.

Meta l-BĊE jirrakkomanda li d-direttiva proposta tiġi emendata, qed jiġu previsti proposti speċifiċi tal-abbozzar f'dokument ta' ħidma tekniku separat flimkien ma' test spjegattiv għal dan il-għan. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fis-sit elettroniku tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Ġunju 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---

([12]) Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

([13]) Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

([14]) Ara l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/110/KE u l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2015/2366.

([15]) Ara l-Artikolu 2(1)(k) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/47/KE dwar ir-rikonoxximent regolatorju ta' netting kuntrattwali.

([16]) Jiġifieri, meta d-debitur ma jaqax taħt xi kategorija msemmija fl-Artikolu 1(2) (a) sa (d) tad-Direttiva 2002/47/KE.

([17]) Ara l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2002/47/KE dwar il-possibbiltà ta' Stati Membri li jeskludu arranġamenti kollaterali finanzjarji għal ċerti kontropartijiet.

([18]) Ara l-Artikoli 206 u 296 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.